# IR-RABA' PARTI

# L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

---

18 ta' April, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Maestà Tagħha r-Reġina *versus* Wistin Mifsud

## Att tal-Akkuża — Nullità — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Ammissjoni tal-Imputat.

*Iċ-ċitazzjoni fil-kriminal tista' tiġi korretta anki jekk bil-korrezzjoni r-reat isir ta' kompetenza superjuri; u dan anki jekk l-imputat ikun ġa ammetta l-imputazzjoni tar-reat inferjuri.*

*Għaldaqstant ma hemmx lok għan-nullità ta' l-att ta' l-akkuża fuq il-motiv li dan ikun ġie maħruġ fuq atti ta' istruzzjoni ordnati mill-Qorti Kriminali ta' Ġudikatura wara li l-imputat ikun ġie miġjub quddiem dik il-Qorti biex jirrispondi fuq l-istess fatti għal reat ta' kompetenza tagħha u, mistoqsi fuq l-akkuża, ikun ammetta r-reat.*

Il-Qorti;

Rat l-att tal-akkuża nru. 9113;

Rat in-nota tal-akkużat, li biha eċċepixxa n-nullità tal-att tal-akkuża peress li dan ġie maħruġ fuq atti ta' istruzzjoni nulli, ordnati mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta sedenti bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura wara li l-akkużat kien ġie miġjub quddiem din il-Qorti biex jirrispondi fuq l-istess fatti għal reat ta' kompetenza tagħha, u, mistoqsi fuq l-akkuża, kien ammetta r-reat, u għalhekk f'dak l-istadju ma setgħetx tiġi mibdula biex biha tiġi dedotta akkuża li toħroġ mill-kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja;

Rat in-nota tal-Attorney General li biha kkontesta l-eċċezzjoni bħala li hija infondata;

Rat id-digriet mgħoti fl-14 ta' April 1955, minn din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, li biha rrimettiet l-inkartament għall-eżami u determinazzjoni tal-eċċezzjoni sollevata lil dina l-Qorti kolleġjalment komposta;

Trattat l-inċident;

Ikkunsidrat;

Kontra l-imputat kienet ġiet maħruġa ċ-ċitazzjoni fol. 2, li biha ġie lilu mputat, fost addebiti oħra, ir-reat ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa. Meta l-imputat deher fis-seduta tal-ewwel appuntament, hu ammetta (fol. 4). F'dik l-istess seduta, l-Uffiċjal Prosekutur talab il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fis-sens li l-offiża kienet mhux ħafifa, iżda gravi minħabba sfreġju. L-imputat oppona, għax hu kien ġa ammetta l-imputazzjoni ta' offiża ta' natura ħafifa verbal fol. 4 u 4 tergo). B'deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Diċembru 1954—fol. 6 —'il-Qorti Inferjuri rrespinġiet l-oppożizzjoni ta' l-imputat, u rriżervat tipprovdi ulterjorment wara r-relazzjoni tal-periti fiżiċi minnha nominati. B'relazzjoni fol. 9, dawn opinaw li l-ferita kienet gravi minħabba sfreġju. Susseg-wentement, il-Qorti Inferjuri, bil-provvediment tagħha fol. 10, akkordat il-korrezzjoni mitluba, u pproċediet għall-kumpilazzjoni tal-każ bħala Qorti Istruttorja;

Ikkunsidrat;

Iċ-ċitazzjoni tista' tiġi korretta anki jekk bil-korrezzjoni r-reat imputat isir ta' kompetenza superjuri ("Reġina vs. Cutajar", 13.12.1954);

L-imputat, però, jgħid li f'dan il-każ hemm l-ostakolu li hu kien diġà ammetta l-imputazzjoni tar-reat inferjuri;

Din it-teżi mhijiex sostenibbli. Għaliex:—

1. Bl-istess mod li ċ-ċitazzjoni biss ma tagħtix dritt kweżit, hekk ukoll l-ammissjoni tal-imputazzjoni, fiha kontenuta, ma tikkonferixxi ebda dritt simili sakemm ma tkunx pronunzjata sentenza;

2. Il-Pulizija prosekutriċi ma riedetx tipproċedi aktar il-quddiem biċ-ċitazzjoni kif kienet in oriġine, u għalhekk l-ammissjoni kienet relattiva għal imputazzjoni li ma kienux sejrin isiru proċeduri fuqha, għax kienet sejra titbiddel;

3. Kien ikun faċli għall-imputat, kieku kellha tiġi sostnuta t-teżi tad-difiża, li, meta jiġi dedott reat minuri, jammetti malli jidher quddiem il-Qorti, u b'hekk jeludi d-dritt li għandha l-Prosekuzzjoni li titlob il-korrezzjoni tal-imputazzjoni, u jinnewtralizza l-kontemplament ta' dak id-dritt;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni, u tordna li l-proċess jerġa jiġi mqiegħed quddiem din il-Qorti komposta minn Imħallef wieħed.